A.L. 176 ta' l-2006

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU
(KAP.65)

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA
(KAP.332)

Regolamenti ta' l-2006 dwar Liċenza biex jiġu Operati Vetturi għall-Ġarr ta' Kadavri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 32 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq, b'konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu. **1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 dwar Liċenza biex jiġu Operati Vetturi għall-Ġarr ta' Kadavri.

Tifsir. **2.** F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta kif imwaqqfa bl-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta;

"impriża" tfisser persuna naturali, jew persuna legali, assoċjazzjoni jew grupp ta' persuni mingħajr personalità ġuridika, jew korp uffiċjali;

"b'kiri jew b'kumpens" tfisser l-għoti ta' servizz b'vettura għall-ġarr ta' kadavri bi ħlas jew b'kumpens;

"vettura għall-ġarr ta' kadavri" tfisser vettura li taħdem b'mutur jew li tinġibed b'bhima użata għall-ġarr ta' kadavri fi twiebet, u "vettura" għandha tiftiehem skond din it-tifsira.

Ħtieġa ta' liċenza. **3.** (1) Ebda persuna ma għandha topera vettura għall-ġarr ta' kadavri b'kiri jew b'kumpens mingħajr liċenza ta' operatur biex topera vettura għall-ġar ta' kadavri maħruġa mill-Awtorità.

(2) Ebda persuna m'għandu jkollha vettura għall-ġarr ta' kadavri li tkun reġistrata u li jkollha liċenza f'isimha jekk dik il-persuna ma jkollhiex liċenza biex topera dik il-vettura.

(3) Ebda persuna m'għandha ssuq, iġġiegħel jew tippermetti li tinsaq vettura għall-ġarr ta' kadavri b'kiri jew kumpens jekk dik il-vettura ma tkunx reġistrata u ma jkollhiex liċenza, skond ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, f'isem intrapriża li jkollha liċenza biex topera vettura għall-ġarr ta' kadavri.

A.L. 476 ta' l-2004.

L-għoti ta' liċenza.

4. (1) Liċenza biex tiġi operata vettura għall-ġarr ta' kadavri b'kiri jew b'kumpens tinħareġ biss lil persuna li jkollha 18-il sena u fuqhom, li jkollha fama tajba, u li tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u rekwiżiti oħra li l-Awtorità tista' tistabbilixxi.

(2) Il-liċenza biex tiġi operata vettura għall-ġarr ta' kadavri għandha tinħareġ f'isem il-persuna naturali li tkun awtorizzata biex tirrappreżenta l-impriża li tkun applikat għal liċenza.

(3) Il-liċenza biex tiġi operata vettura għall-ġarr ta' kadavri tinħareġ għal perijodu ta' ħames snin u ma tistax tiġi trasferita.

(4) Kull liċenza għandha tkun tipprovdi biex tkun operata vettura għall-ġarr ta' kadavri waħda biss.

(5) Il-liċenza tingħata biss, jew tiġi mġedda, mal-ħlas tad-dritt dovut kif provdut fir-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti.

(6) Għall-fini ta' dan ir-regolament, persuna ma titqiesx li jkollha kondotta tajba jekk:

(a) matul l-aħħar ħames snin, tkun instabet ħatja ta' delitt li dwaru tista' teħel piena ta' priġunerija għal żmien tliet xhur jew iżjed jew multa ta' iżjed minn mitejn lira,

(b) matul l-aħħar sentejn, tkun instabet ħatja ta' reati kontra r-regolamenti tat-traffiku jew tat-trasport stradali.

Applikazzjoni għal liċenza.

5. (1) L-applikazzjoni biex tkun tista' tiġi operata vettura għall-ġarr ta' kadavri għandha tiġi ppreżentata lill-Awtorità.

(2) L-applikazzjoni għandha ssir fuq il-formola preskritta mill-Awtorità u għandu jkun fiha dawn id-dettalji li ġejjin:

(a) l-isem u l-indirizz ta' l-applikant;

(b) l-isem li bih l-applikant ikun se jipprovdi s-servizz;

(ċ) dettalji tal-vettura li tkun se tintuża għall-ġarr ta' kadavri, inkluż it-tip, l-għamla, il-mudell, is-sena tal-manifattura;

(d) il-lokalità u d-deskrizzjoni tal-post fejn il-vettura għall-ġarr ta' kadavri tkun se tinżamm meta ma tkunx qiegħda tintuża fit-triq; u

(e) kull dettall ieħor li l-Awtorità tista' teħtieġ.

Meta tinċaħad applikazzjoni.

6. Meta l-Awtorità tiċħad applikazzjoni biex persuna tkun tista' topera vettura għall-ġarr ta' kadavri, l-Awtorità għandha b'avviż bil-miktub, fi żmien sebat ijiem, tinforma lill-applikant bid-deċiżjoni tagħha u tagħti r-raġunijiet tagħha għal dak iċ-ċaħid.

Vetturi li jistgħu jintużaw.

7. Għandhom jiġu reġistrati u jingħataw liċenza biex jitħaddmu bħala vetturi għall-ġarr ta' kadavri dawk il-vetturi biss li jkunu nbnew biex jintużaw għall-ġarr ta' kadavri u li jkollhom dak l-attrezzament, tagħmir u lampi kif jistgħu jkunu ordnaw l-awtoritajiet tas-saħħa.

Reġistru dwar l-utenti ta' liċenza.

8. L-Awtorità għandha żżomm reġistru li fih għandhom jiġu reġistrati l-isem u l-indirizz tal-persuna li tkun kisbet il-liċenza biex topera vettura għall-ġarr ta' kadavri u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura li tkun ġiet reġistrata u mogħtija liċenza biex titħaddem minn detentur ta' liċenza ta' vettura għall-ġarr ta' kadavri bħal dak.

Dritt ta' ħlas.

9. Id-dritt li għandu jitħallas lill-Awtorità għall-għoti jew it-tiġdid ta' liċenza biex titħaddem vettura għall-ġarr ta' kadavri għandu jkun ta' Lm25.

Projbizzjoni ta' ċerti sinjali eċċ.

10. M'għandhom jintwerew ebda sinjali jew avviżi ta' reklami ma' vettura li tkun ingħatat liċenza u li tintuża għall-ġarr ta' kadavri taħt dawn ir-regolamenti.

Pieni.

11. Kull min jikser dawn ir-regolamenti jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn Lm500.